MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-27 ta' April, 2005

Rikors Numru. 312/2005

**BANK OF VALLETTA PLC**

**vs**

**ATAR LTD. u Azwaim u Brigette miżżewġin ATWAIR**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fil-5 ta' April, 2005, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, tal-Bank rikorrent talab li jiġi awtorizzat jesegwixxi sentenza mogħtija minn Din l-Onorabbli Qorti fit-13 ta' Jannar, 2000 fl-ismijiet "Bank of Valletta p.l.c. vs. 1) Atar Limited u 2) Azwaim u Brigette miżżewġin Atwair" (Ċitazz. Numru 536/1999 RCP) (Dok "A") u dan billi għaddew aktar minn ħames (5) snin minn mindu setgħet tiġi eżegwita;

Rat li l-intimat notifikat ma ppreżentax risposta u lanqas deher għar-rikors;

Rat li r-rikorrenti kkonferma bil-ġurament il-kontenut tar-rikors u li ma tħallas xejn fil-mori ta’ dawn il-proċeduri ;

Illi għalhekk it-talba tar-rikorrenti tirriżulta ġustifikata u għalhekk **tilqa’ t-talbiet tal-istess rikorrenti.**

Bl-ispejjeż kontra l-intimati.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------